KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsa u Ħamsin (55)

## It-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsilliera |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**55.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Kien hemm apoloġiji. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri u l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informaw lis-Segretarja li ma jistawx jattendu. Dawn ġew skużati minn dawk preżenti.

**55.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Erbgħa u Ħamsin (54) laqgħa tal-Gimgħa 12 ta' Ottubru, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**55.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Halloween*** – Din l-attivita' tħassret minhabba l-maltemp.

***Dawl fi Triq l-Mgarr***- Is-Segretarja informat lil Kunsilliera prezenti li peress li ser issir din it-Triq fil-granet li gejjin iridu jinqalu l-lampi li hemm fi Triq minn naha tal-Kuntrattur tal-Kunsill. Is-Segretarja staqsiet rigward l-arbli x'hin jinqalu x'ser isir minnhom. Milli jidher dawn irridu imbgħad jinxtraw lura minn naha tal-Kunsill. Is-Segretarja qed tistenna bil-miktub rigward dan mill-MGOZ peress li din triq arterjali u x-xogħol ser isir minn naħa tagħhom.

***Gnien il-Kunsill*** – Rizoluzzjoni biex tiġi iffirmata mingħand il-Kunsill rigward overlap fi Gnien il-Kunsill. Dan ġie iffirmat.

***Kwotazzjoni tad-dawl tal-Milied*** – Is-Sindku innota li ser issir laqgħa b'urgenza wara s-16 ta' Novembru fuq dan.

***Il-Monti*** – Ser ikun hemm Security minn l-aħħar ta' Novembru sa l-aħħar ta' Diċembru.

***Skema ta' Tgħallim u Progetti Edukattivi fil-Komunita*** – Is-Sindku innota li l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' 365 euro biss għal din l-iskema. Ġie deċiz li peress li ammont huwa zgħir għal ħdejn l-ispejjez kbar, l-Kunsill mhux ser jagħmel dan il-kors tal-computer.

***Skema Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali/Reġjonali***- Il-Kunsill ġie awarded għal A/C u purtieri fil-librerija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Community Centre Bingemma str***- Is-Sindku innota li din il-pjanta ġiet approvata kif kienet originali.

## 55.4. Korrispondenza.

(6328) Ċirkulari AkL 2018/139- Health and Safety Seminar 27/11/18

(6329) E mail mingħand Glamorous Entertainment rigward Miss Malta 2018

(6330) Talba għal Educational Course fil-Kunsill- Scientist of the Sea. Kien hemm qbil fuq dan li jsir fil-Kunsill tan-Nadur.

(6331) Ċirkulari SPI12/2018- Skema Finanzjarju favur il-komunita' – Ħahjja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports. Il-Kunsill ser jara fuq dan u filkas jiġu applikanti xi tip ta' gym għal nursery tan-Nadur.

(6332) Stedina għal konferenza stampa dwar l-Allokazzjoni Finanzjara – Kunsill Lokali mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali.

(6333) Sqarrija mingħand il-President AKL– Local Council Association dwar tqassim tal-kontenituri għas-Separazzjoni tal-iskart. Dawn ser jitqassmu fi Gnien il-Kunsill fit-23 ta' Novembru.

(6334) Ċirkulari AKL 2018/136- Stedina mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għar-Riċiviment tal-Milied.

(6335) Ċirkulari AKL 2018/127- Laqgħa mas-Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarju Eżekuttivi.

(6336) Ċirkulari AKL 2018/134- Messaġġ- Laqgħa Plenarja 27/10/18

(6337) No objection mingħand id-Dipartiment għal Artijiet dwar installation of public recreational equipment at DC Cocco Palmeri.

(6338) Ittra mingħand Dental Surgery Department dwar Dental Health talks

(6339) Ċirkulari AKL 2018/130- Laqgħa – Bus shelters 19/11/18

(6340) Ittra mingħand il-Bord ta' Ko-Finanzjament dwar aċċetazzjoni.

(6341) Ċirkulari AKL 2018/125- Car Sharing Services Malta Ltd- Car2Go

(6342) Ittra rigward l-incident fi Triq it-Torri ta' Kenuna- Talba għal-kumpens ta' tiswija. Kien hemm qbil li tenut kont l-ammont zghir li qed jintalab, dawn jintalbu rapport tal-Pulizija ta' l-inċident u imbgħad jitħallas il-kumpens, u dan strettament minghajr pregudizzju u minghajr ebda ammissjoni ta' negligenza da parti tal-Kunsill, sabiex jigu evitati proceduri legali u spejjez zejda.

(6344) Ittra mingħand OK Medical Ltd rigward li mhux ser jagħmlu għalissa Hearing Screening.

(6345) Ittra mingħand GOTO rigward parking spots in locality for the national car sharing project- Nadur

(6346) Ittra mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar kolloborazzjoni mal-Kunsill rigward il-Kunċert tal-Festa ta' San Koronatu. Kien hemm qbil fuq dan.

(6347) Ittra mingħand Kerygma rigward premju Żagħżugħ tas-sena 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6348) Ċirkulari AKL 2018/140- Lesa seminar-traffic management

(6349) Invite SHERPA- maltese National Transference Seminar

(6350) Malta-Gozo tunnel- Informative meeting

(6351) Laqgħa għall Pubbliku dwar ir-Riforma

(6352) Ċirkulari AKL 2018/121- Tħawwil ta’ Sigar f’Għeluq il-25 snata’ Gvern Lokali

(6353) Ċirkulari AKL 2018/130- Laqgħa –Bus Shelters

(6354) Ċirkulari AKL 2018/118- Team up to clean up- Foss ta’ Ħaz-Żabbar

(6355) Ittra mingħand Primary Health Care dwar Nutrition talks at Local Councils

(6356) Ċirkulari AKL 2018/138- Ftehim Ħaddiema fuq skemi (RSSL u CWSEF)

(6357) Skema finanzjarja- korsijiet lifelong learning 2018-2019

(6358) Performance appraisals għas-sena 2018

(6359) AKL 2018/134- Laqgha Plenarja

(6360) Ċirkulari AKL 2018/132- Gbir tal-kontenitur tal-iskart organiku mill-Kunsilli Lokali.

(6361) Ċirkulari AKL 2018/131- Laqgħa għall-applikanti u dawk li interessati fil-M.Sc in Governance and Management.

(6362) Ċirkulari AKL 2018/129- Playing Flields mgħaluqa fil-lokalitajiet

(6363) Life Information Session

(6364) Ċirkulari AKL 2018/128- Prezentazzjoni Laqgha Plenarja

(6365) Tnedija tal-White Paper dwar ir-Riforma tal-Gvern Lokali u process ta’ konsultazzjoni.

(6366) Ittra minghand DLG dwar tradizzjonijiet tal-Anzjani- Wirja tal-Arti u artigjant mill-anzjani

(6367) Kodici ta’ Etika għar-rapprezentanti eletti tal-Gvern Lokali.

**55.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti.**

Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Is-Sindku innota li irċevejna l-kont ta’ triq il-Qortin mingħand il-kuntrattur u kien hemm qbil li dan jitħallas malli jiġi

iċertifikat ix-xogħol mingħand il-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku innota ukoll li ser jinxtraw kotba għal librerija bl-ammont ta' 250 euro, kien hemm qbil fuq dan. Ser jintuzaw ritratti originali ta' Ted Attard u Peter Mohr għal Gemillagg u jitħallsu tal-copyright. Il-Kunsill irċieva ukoll il-kont tas-shelter tad-dawl u l-indafa, Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li jinxtraw ukoll hampers bhal tas-soltu għal helpers ta' matul is-sena. Kien hemm qbil li dawn jitħallsu ukoll.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Il-kunsilliera Dr. Rita Mifsud innotat li jkun sew kieku nibdew insemmu fuq il-Minuti liema kontijiet oħra kien hemm. Dawn il-Kontijiet kienu:- BDL, Gatt Tarmac Ltd, Customize nation, Peter Mohr, Vassallo Jewellers, Vella garage, Shelter Xmun, Manuel Camilleri, Marthese Caruana, Joseph Cardona, Michelle Camilleri. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ser jiffirma hu peress li Micheal Camilleri ma kienx prezenti fl-aħħar laqgħa.

## 55.6 Ġemellaġġ ma Zafferana Etnea;

Is-Sindku innota li qed jaħdem fuq il-programm tal-Gemillaġġ u hemm grupp ta' nies jaħdmu fuq dan. Dawn ser ikollhom tours f'Malta u Għawdex. Is-Sibt f'nofsinhar il-Kunsill qabel li jagħtihom ftajjar lunch. Hu innota li gew ordnati roll ups godda, biros għal firma, dokumenti binded, ikel mingħand Ray's Catering, l-Kazin tal-Banda, Memento tal-Mosaic u oħrajn u l-cake. Kien hemm qbil fuq dawn. Ġie diskuss dan il-ħin il-muzika, r-rigali għan nies distinti, innijiet nazzjonali eċċ. Kien hemm qbil ukoll li l-eks ambaxxatur taz-Zgħazagħ jingħata rikonoxximent waqt l-exhibition tal-Presepji.

## 55.7 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Ħarġa għall-Anzjani*** – Din ser tkun nhar l-Erbgha fil-Knisja tal-Munxar u wara ikla gewwa r-Rabat. Kien hemm qbil ukoll li jingħataw rigal xitla għal din l-attivita' marbuta ma' l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill.

***Russian War Drama*** – Dan ser ikun nhar il-Hamis fis-Sala tal-Kunsill

***Kuncert Russu 'Organ & Violin Concert'*** – Dan ser ikun nhar il-Gimgha fil-Knisja tan-Nadur.

***Attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill-*** Attivita fil-Librerija għat tfal ser tkun nhar is-Sibt fl-10am. Filgħaxija ser ikun hemm il-Quddiesa ta' Jum Kunsill. Il-Ħadd ser ikun hemm Sports day fit-3pm il-Muzew tas-Subien.

***Premju Gieh in-Nadur u l-Ftuħ Uffiċċjali tat-turf tal-Grawnd*** – Is-Sindku innota li ll-programm lest u l-lapida lesti, Ser ikun hemm il-fireworks, riċeviment, tall tables, inħargu l- inviti, muzika, enforcement officers u dawl. Kien hemm qbil fuq dan kollu. Inbid ser ikun Sponsor mingħand Delicata Winery. F'kaz ta' maltemp ikun hemm it-tinet.

***Open Christmas Market*** – Dan ser ikun il-Ħamis 13 ta' Diċembru minflok l-Erbgħa 12 ta' Diċembru. Se ikun hemm muzika, bouncy castle u father xmas. Kien hemm qbil fuq dan.

***Library Activity*** – Assocazzjoni Librerijі – Din ser tkun fil-15 ta' Diċembru

***Nadur 8k*** – L-applikazzjonijiet deħlin bil-kbir u puttinu gabru ħafna sponsors.

***Santa' House Event*** – Din l-attivita' ser tkun Il-Kunsill flimkien ma l-Għaqda Triq il-Kappillan.

***Poster Karnival*** – Is-Sindku innota li l-prezentaturi konfermati. Il-Pittura uffiċċjali lesta ukoll mingħand l-artist minn Nadur Paul Muscat.

***Mawra gewwa Baveno*** – Din ser tkun fil- 25 sa 29 ta'April, 2019.

***Delegazzjoni gewwa ir-Russia*** – Din ser tkun f'Marzu, 2019.

**55.8 Proġetti u Xogħolijiet;**

***Rural Roads-*** Is-Segretarja Eżekuttiva tat update fuq ir-Resurfacing ta' Xurdin. Din l-area tlestit kollha u jonqos biss il-parti ta' fejn sfrondiet it-triq. Dan sar extension oħra sa l-aħħar ta' Novembru.

***Playing Fields-*** Is-Segretarja Ezekuttiva tat update fuq dan. Il-Kuntratt mal-Planning Authority gie iffirmat u l-Kuntrattur jista jordna l-materjal biex jinbeda ix-xogħol.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Safety Mats u Gym fil-Belveder DC Cocco Palmeri***- Dan gie approvat mingħand il-Lands Dept. U qed nistennew li jiġi iffirmat il-Kuntratt mal-Planning Authority u imbgħad wara jiġi ordnat ix-xogħol.

***Triq it-Tiġrija***- Is-Sindku innota li ġie mitlub mingħand il-MGOZ biex jagħmel BOQ ta' din it-triq. Is-Sindku ser jitlob lil Perit tal-Kunsill jagħmel din.

**55.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

Talba għal knis fi Triq Dun Anton Tabone- kien hemm qbil fuq dan u li jsir cement wara.

Bexx tal-Palm- Is-Segretarja ser tara fuq dan biex filkas jerggħa jitkompla l-bexx bhal ma kien fil-passat. Is-Segretarja innotat li kien hemm bzonn tinqala Palma urgenti fi Triq Bingemma peress li kien hemm deadline mingħand il-Plant Health dept.

Reserved Parking Bay fi Pjazza 28 ta' April 1688, tal-Familja Pace kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal yellow lines mingħand il-familja Grima, fi Triq l-Imgarr. Is-Segretarja ser tibgħat lil TM fuq dan.

Talba għal yellow lines mingħand il-familja Portelli, fi Triq piju Cellini. Is-Segretarja ser tibgħat lil TM fuq dan.

Talba għal yellow lines mingħand il-familja Camilleri, fi Triq Buskett. Is-Segretarja ser tibgħat lil TM fuq dan.

Talba biex titranga bankina fi Triq San Blas, tal-Perita Borg. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm talba għal rack tar-roti fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Kien hemm qbil fuq din.

Reminder mingħand il-Kunsillier Micheal Camilleri rigward il-bozza fi Triq Xjuf ir-riħ, peress li hemm waħda maħruqa u l-oħra ser jitranga l-post u inqalet.

Is-Sindku innota li ser isir short clip tal-Milied għal Charter fil-attivita' tal-librerija.

**55.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru, 2018. Ġie deċiz li l-ikla tal-Milied isir f'Jannar 2019.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |